Il-Presidenti tas-Soċjetà Filarmonika "Sliema"

# Salvino Privitera A&Ce., Mla

(1915 – 1985)

P. Gużepp Vella OFM

Il-Perit Salvinu Privitera huwa il 15-il President tas-Soċjetà tagħna. Huwa twieled f'Tas-Sliema nhar il-21 ta' Diċembru 1915. Il-ġenituri tiegħu kienu Paolo u Maria Vella. Ġie mgħammed nhar il-Milied, 25 ta' Diċembru, fil-Knisja Parrokkjali ta' Marija Stella Maris mill-Viċi Parroku Dun Amadeus Bonello. Ġie mogħti l-ismijiet ta' Salvator, Emmanuel, Ignatius.[1]




Salvino beda l-edukazzjoni primarja fl-Iskola tal-Gvern ta' Tas-Sliema. Wara, fis-27 t'Ottubru 1927 kompla s-sekondarja fil-Liċeo tal-Belt Valletta. Wara li għadda s-snin fil-Lyceum beda l-kors fl-Università ta' Malta. Huwa ħa l-kors biex isir Perit. Il-kors intemm meta ggradwa u ħa l-lawrija fl-1940.

Sa minn żgħożitu wera interess fil-ħajja tal-politika. Daħal membru fil-Partit Laburista. Għal diversi snin okkupa l-uffiċċju ta' Viċi President tal-Kumitat tal-Esekuttiv.[2] L-ewwel tentattiv tiegħu kien meta ħareġ għall-elezzjoni tal-1962 li saret nhar is-17 u 19 ta' Frar. Minħabba l-inkwiet politiku ta' dak iż-żmien, huwa ħareġ mal-Partit tal-"Ħaddiema Nsara" immexxi mis-sur Toni Pellegrini. Huwa kkontesta fuq id-distrett ta' Tas-Sliema imma ma ġiex elett għax ġab 484 fl-ewwel għadd u wasal sal-1325 fl-aħħar għadd.[3]

Għall-elezzjoni ta' wara, Salvino, reġa mar lura fi ħdan il-Partit Laburista u reġa kkontesta l-elezzjoni tal-1966 li saret fil-jiem bejn is-26-28 ta' Marzu u għal darb'oħra fid-distrett ta' Tas-Sliema. Ġab 350 vot u żied sa 383 u għalhekk ma ġiex elett.[4] Għaddew 5 snin u reġa ħareġ għall-elezzjoni ġenerali li saret bejn it-12 u l-14 ta' Gunju 1971. Din id-darba għalkemm żied fil-voti għax ġab 2182 imma ma ġiebx il-kwota u għalhekk ma ġiex elett.[5] L-aħħar elezzjoni li kkontesta kienet dik tal-1976. Din saret bejn is-17 u it-18 ta' Settembru. Din id-darba ħareġ fuq żewġ distretti dak tad-9 u l-10 li kien fih Tas-Sliema u l-Gżira. Mid-9 Distrett kellu biss 651 vot biss, filwaqt minn Tas-Sliema u l-Gżira kellu 1440.[6] Għal darb'oħra ma laħaqx il-kwota. Imma ġara li wara li saret elezzjoni każwali għall-post li ħalla l-Onor. Patrick Holland, huwa, ġie elett fil-Parlament għall-ewwel darba. Baqa' Membru Parlamentari sal-elezzjoni tal-1987.[7]

## President tas-Soċjetà

Missieru Paolo, kien wieħed mill-ewwel bandisti meta twaqqfet il-Banda Cittadina "Sliema". Għalhek mhux ħaġa kbira li l-Perit Salvino, sa minn tfulitu, kien ftit jew wisq midħla tal-każin. Kienet is-sena 1959 fis-Seduta Ġenerali li saret fis-27 ta' Settembru meta ġie elett bħala President u baqa' jmexxi s-Soċjetà għal aktar minn sitt snin.[8] Fis-Seduta tat-2 ta' Ottubru 1959 sar suġġeriment li l-każin joffri s-somma ta' Lm 20 bħala kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-bradella ġdida li kienet qegħda tinħadem għall-Istatwa tal-Madonna. Din il-mozzjoni għaddiet unanimament.[9]

Nhar il-25 ta' Ġunju 1961 l-Arċisqof Mikiel Gonzi ġie fil-Parroċċa tagħna biex jamministra s-Sagrament tal-Griżma lit-tfal. Wara kien il-mistieden tas-Soċjetà Filarmonika "Sliema". L-Għaqdiet tal-Parroċċa kienu ħejjew manifestazzjoni ta' solidarjetà mal-Arċisqof. Mal-gallarija tal-Każin twaħħlet kitba bil-Latin "Ave Bone Pastor". L-Arċisqof ħareġ fil-gallarija u kellem lin-nies miġbura b'solidarjetà miegħu. Fil-Każin Il-Kappillan P. Tonin Busuttil OFM għamel diskors kif ukoll il-President Salvino Privitera. L-Arċisqof wieġeb b'kelmtejn ta' rikonoxxenza u ta' ringrazzjament.[10] Wara l-Arċisqof flimkien mal-Provinċjal P. Alfons M. Camilleri OFM, il-President u l-Kappillan P.Tonin Busuttil telgħu fuq karrozzella li ġiet miġbuda mill-membri tal-għaqdiet reliġjużi tal-Parroċċa għall-dimostrazzjoni mat-toroq tal-Parroċċa.[11] F' din l' okkażjoni l-Banda Ċittadina "Sliema" ħadet sehem ukoll f'din id-dimostrazzjoni bid-daqq ta' marċi brijużii.[12]

Fi żmien il-Presidenza tiegħu l-Banda "Sliema" dejjem ħadet sehem fil-Ħruġ tal-Vara minn Niċċa u bi tliet servizzi fil-Festa Titulari tal-Madonna Tas-Sacro Cuor. Minbarra dan insibu wkoll li l-Banda ħadet sehem

fil-Festa Nazzjonali tal-Vitorja, fl-1960, billi l-Banda għamlet servizz u programm fil-Belt Valletta nhar l-10 ta' Settembru. Fl-1964 ħadet sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-akkwist tal-Indipendenza ta' Malta. Fis-sena ta' wara, fl-ewwel anniversarju tal-Indipendenza għamlet Programm fil-Belt Valletta fl-1965.[13] Nhar it-3 ta' Lulju, 1965, Lejlet il-Festa Titulari ġew irregalati żewġ standardi lill-Każin. Wieħed kien tar-Reliġjon minnflok ieħor li qdiem u l-ieħor tal-Klabb tal-Futbol tas-Sliema Wanderers. Dawn ġew imbierka mill-Kappillan P.Tonin Busuttil OFM. Il-President Privitera għamel diskors ta' ringrazzjament. Il-President tas-Sliema Wanderers għamel dikors u ppreżenta Tazza tal-Fidda lis-Soċjetà. Wara sar riċeviment. Nhar il-Festa fil-Każin kienu esposti għall-wiri t-Tazzi li l-Klabb tal-Futbol kien rebaħ f'dak l-istaġun. Fl-okkażjoni tal-Festa tal-istess sena ġew irregalati żewġ vetrini għat-tazzi mis-Sur Joseph Mifsud. Dawn tqiegħdu fis-Sala Prinċipali tal-Każin.[14] F'Ottubru tal-1965 insibu li membri tal-"Legion of Mary" kienu ġabu statwa zgħira tal-Madonna. Din tqiegħdet fil-Kappella tal-Każin u kien jingħad ir-Rużarju kuljum. Aktar minn 220 membru ħadu sehem f'din il-kroċjata ta' talb għal ġimgħa sħiħa.[15]

Il-Perit Privitera temm il-Presidenza tiegħu fis-Seduta Generali li saret fit-13 ta' Frar 1966 li fiha ġie elett bħala President ġdid it-Tabib Ċensu Tabone M.D.[16] Wieħed mix-xogħolijiet tiegħu bħala Perit insibuh fil-Parroċċa tagħna. Preċiż wara l-Knisja tagħna hemm l-iskola ta' St. Benild immexxija mill-"Brothers" ta' "De La Salle". Il-Perit kellu ħuh, Bro Victor FSC, għalhekk il-pjanta u x-xogħol tal-bini kien f'idejn il-Perit Salvino Privitera li bdiet tinbena fl-1965.[17] Huwa miet fl-età ta' 69 sena nhar it-23 ta' Marzu 1985.[18]

Matul il-karriera politika tiegħu kien inkarigat minn diversi Kumitati u Bordijiet tal-Gvern. Kien ukoll Chairman tal-"Christmas Stamp Group". Bħala President tal-Każin tagħna jibqa' mfakkar għad-dehen u l-imħabba li mexa bihom kemm dam President. It-tifkira tiegħu hija minquxa fil-Lapida tal-Presidenti li għandha s-Soċjetà Filarmonika "Sliema" u bir-ritratt tiegħu fis-Sala Prinċipali tal-Każin.

**Referenzi**


1 Liber Bapt. Parroċċa Stella Maris Vol. IV P.562
2 Raniero Zammit OFM (Cap): Profili Bijografiċi ta' Slimiżi Magħrufin P. 106
3 Michael J. Schiavone: Elezzjonijiet f'Malta 1849 – 1981 P. 227
4 Id Ibidem P. 234
5 Id Ibidem P. 245
6 Id Ibidem P. 258
7 Id Ibidem P. 91
8 Winston L. Żammit, Raniero Żammit: Socjetà Filarmonika SLIEMA P 83
9 Michael J. Schiavone Opus Cit. P.91
10 Winston L.Żammit, Raniero Żammit OFM (Cap) Opus Cit. P 85
11 Esperjenza personali.
12 Winston, Raniero Opus Cit. P 88
13 Id Ibidem P. 85
14 Id Ibidem P. 92
15 Id Ibidem P. 84
16 Id Ibidem P. 83
17 Tagħrif mogħti lill-Awtur minn Bro. Felix Agius FSC
18 Raniero Zammit, Opus Cit. P. 107



Old College

SELF SERVICE



Daily fresh
Fruit, Vegetable,
Bread, Milk,
Wine, Spirits, etc...

101B, Old College Street, Sliema • Tel: 2133 0812 • Mob: 9988 9961